KUMITAT KONSULTATTIV DWAR IL-KONDOTTA TAL-MEMBRI

RAPPORT ANNWALI 2025

KELMTEJN QABEL

F'konformità mal-Artikolu 10(7) tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza (l-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, minn hawn' il quddiem "il-Kodiċi ta' Kondotta"), il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri (minn hawn' il quddiem "il-Kumitat Konsultattiv") jippubblika rapport annwali dwar il-ħidma tiegħu.

Ir-Rapport Annwali dwar il-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025 ġie adottat mill-Kumitat fit-13 ta' April 2026.

Werrej

1. Obbligi tal-Membri fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza

2. Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri

2.1 Kompożizzjoni

2.2 President fil-kariga

2.3 Laqgħat fl-2025

2.4 Każijiet eżaminati u gwida pprovduta

3. Attivitajiet marbuta mal-Kodiċi ta' Kondotta

3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi Privati tal-Membri

3.2 Preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet oħra

3.3 Sensibilizzazzjoni

3.4 Statistika

3.5 Graffs tal-analiżi tax-xejriet

4. Amministrazzjoni

Sommarju

Dan ir-rapport ikopri l-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025.

Fl-2025, il-Kumitat Konsultattiv eżamina 17-il każ ta' allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta (meta mqabbel ma' 11-il każ fl-2024). Ix-xejra li qed tiżdied tista' tiġi spjegata mill-fatt li, skont ir-regoli riveduti fl-2023, l-allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta jista' jiġi sinjalat ukoll direttament lill-Kumitat Konsultattiv. Il-bidla wasslet għal livell ogħla ta' għarfien tar-regoli dwar l-integrità u t-trasparenza kemm ġewwa kif ukoll barra l-Parlament Ewropew.

Il-Kumitat Konsultattiv irċieva żewġ talbiet mingħand il-Membri li kienu qed ifittxu l-gwida tiegħu dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat Konsultattiv ipprovda l-parir tiegħu b'mod kunfidenzjali u fi żmien l-iskadenza prevista mill-Kodiċi ta' Kondotta.

F'konformità mal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-integrità u t-trasparenza, adottati mill-Bureau fis-16 ta' Ottubru 2023, is-servizz amministrattiv kompetenti (l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza, li tipprovdi servizzi ta' segretarjat għall-Kumitat Konsultattiv) kompla jwettaq kontrolli ġenerali tal-plawżibbiltà fuq id-dikjarazzjonijiet tal-interessi privati ppreżentati mill-Membri.

Filwaqt li segwiet prattika li ilha teżisti, l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri kompliet tirrispondi għad-domandi mressqa mill-Membri jew mill-assistenti tagħhom, bil-għan li tgħinhom japplikaw b'mod tajjeb id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2025, tressqu 193 dikjarazzjoni tal-interessi privati, 6 805 dikjarazzjonijiet dwar l-għarfien ta' kunflitti ta' interess, 212-il dikjarazzjoni ta' attendenza f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi u 11-il dikjarazzjoni tal-assi f'konformità mar-regoli. Barra minn hekk, il-Membri nnotifikaw lill-President b'44 rigal. Ġie ppubblikat numru rekord ta' 32 122 laqgħa ma' rappreżentanti ta' interess jew ta' pajjiżi terzi.

Meta mqabbel mal-2024, l-għadd akbar ta' dikjarazzjonijiet ippreżentati juri livell għoli ta' sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi l-ġodda fost il-Membri u trasparenza akbar fil-Parlament Ewropew.

Bħala element ġdid, fi tmiem ir-rapport iddaħħlu graffs ta' analiżi tax-xejriet, li jagħtu ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol u tad-data.

1. OBBLIGI TAL-MEMBRI RIGWARD L-INTERGRITA U T-TRASPARENZA

Il-Kodiċi ta' Kondotta jistabbilixxi l-prinċipji gwida rigward l-integrità u t-trasparenza u d-dmirijiet ewlenin tal-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom. Il-Membri huma ggwidati u josservaw il-prinċipji ġenerali ta kondotta tad-diżinteress, l-integrità, it-trasparenza, id-diliġenza, l-onestà, l-obbligu ta' rendikont u r-rispett għad-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament, Jeħtiġilhom jaġixxu biss fl-interess pubbliku u la jiksbu u lanqas ma jippruvaw jiksbu benefiċċju dirett jew indirett jew xi premju ieħor.

Skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri ma jistgħux jidħlu fl-ebda ftehim li jaġixxu jew jivvutaw fl-interess ta' kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika oħra li tikkomprometti l-libertà tal-vot tagħhom. Jeħtiġilhom ma jfittxux, ma jaċċettawx jew ma jirċevux l-ebda benefiċċju dirett jew indirett jew premju ieħor, inklużi fi flus kontanti jew *in natura*, bi skambju għal imġiba speċifika fl-ambitu tal-ħidma parlamentari tal-Membru, u jeħtiġilhom jevitaw konxjament kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika tixħim, korruzzjoni jew influwenza indebita. Barra minn hekk, il-Membri ma jistgħux jidħlu f'attivitajiet ta' lobbjar bi ħlas marbuta direttament mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni.

Il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi d-definizzjoni ta' "kunflitt ta' interess" u jistabbilixxi l-passi meħtieġa biex jiġi indirizzat kwalunkwe kunflitt bħal dan. Kunflitt ta' interess jeżisti meta l-eżerċizzju tal-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew fl-interess pubbliku jista' jiġi influwenzat b'mod mhux xieraq għal raġunijiet li jinvolvu l-familja tiegħu jew tagħha, il-ħajja emozzjonali jew l-interess ekonomiku, jew kwalunkwe interess privat dirett jew indirett ieħor. Id-definizzjoni ta' "kunflitti ta' interess" tal-Kodiċi ta' Kondotta trid tiġi interpretata b'tali mod li tkopri mhux biss interess privat li fil-fatt jinfluwenza lill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, iżda wkoll "sitwazzjoni li fiha l-interess identifikat jista', f'għajnejn il-pubbliku, jidher li jinfluwixxi l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv" tad-dmirijiet tal-Membru[1]. Ma jkunx jeżisti kunflitt ta' interess meta Membru jibbenefika biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' kategorija wiesgħa ta' persuni.

[1] Is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Dennekamp vs Il-Parlament, T-115/13, EU:T:2015:497, punt 106.

Il-Membri għandhom l-obbligu li jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jiskopru kunflitti ta' interess, u meta jsiru jafu b'wieħed, jagħmlu ħilithom biex isolvuh immedjatament. Jekk ma jkunux jistgħu jsolvu l-kunflitt ta' interess, il-Membri huma meħtieġa jiddikjarawh fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati tagħhom. Huma jeħtiġilhom jiżvelaw ukoll, qabel ma jitkellmu jew jivvutaw fil-plenarja jew f'wieħed mill-korpi tal-Parlament Ewropew, kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata.

Barra minn hekk, detenturi ta' kariga, rapporteurs, shadow rapporteurs, inklużi dawk għal opinjoni, u parteċipanti f'delegazzjoni uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali huma meħtieġa jippreżentaw ukoll dikjarazzjoni dwar l-għarfien ta' kunflitti ta' interess. Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Parlament adotta interpretazzjoni dwar dan il-punt, li tistabbilixxi li Membru li jiġi propost bħala rapporteur għal diversi fajls b'suġġett simili jista' jippreżenta dikjarazzjoni ġenerali waħda li tkopri dawk il-fajls kollha. Jekk jinqala' kunflitt ta' interess għal fajl individwali, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għal dak il-fajl individwali. Fil-każ ta' rapporti dwar il-verifika tal-kredenzjali tal-Membri eletti ġodda, ir-rapporteur jeħtieġlu jiddikjara kunflitt ta' interess fir-rigward tal-verifika tal-kredenzjali tiegħu stess.

Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta jistabbilixxi regoli dettaljati rigward id-dikjarazzjoni tal-interessi privati. Il-membri jeħtiġilhom jippreżentaw dikjarazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod dettaljat u preċiż. Id-dikjarazzjoni inizjali trid issir qabel tmiem l-ewwel sessjoni plenarja wara l-elezzjonijiet Ewropej, jew fi żmien 30 jum minn meta jieħdu l-kariga ta' Membru matul il-leġiżlatura. Jekk isseħħ xi bidla, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni riveduta sa tmiem ix-xahar ta' wara.

L-Artikolu 5 tal-Kodiċi ta' Kondotta fih l-obbligu tal-Membri li jippreżentaw dikjarazzjoni tal-assi fil-bidu u fit-tmiem tal-mandat tagħhom.

Fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-Membri tal-Parlament Ewropew huma meħtieġa li ma jaċċettaw l-ebda rigal jew benefiċċju simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' anqas minn EUR 150. F'każ li l-Membri, meta jkunu qed jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew f'kapaċità uffiċjali, jiġu ppreżentati rigali b'valur approssimattiv ta' aktar minn EUR 150, huma jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-President u jgħaddu r-rigali lil istituzzjoni

Il-membri huma meħtieġa jiddikjaraw l-attendenza tagħhom f'avvenimenti organizzati minn nies jew minn organizzazzjonijiet, jekk l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u/jew tas-sussistenza tagħhom ikunu tħallsu jew ġew rimborżati minn partijiet terzi, bi ħlas sħiħ jew parzjalment.

Il-Kodiċi ta' Kondotta jirrikjedi li l-Membri kollha jippubblikaw online il-laqgħat skedati kollha relatati mal-ħidma parlamentari ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza, u ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom.

L-Artikolu 8 jikkonċerna d-dikjarazzjoni tal-input. Wara modifika tal-Artikolu 8 adottata mill-Parlament fis-17 ta' Ġunju 2025, li tallinja l-Artikoli 7 u 8, ir-rapporteurs jeħtiġilhom jelenkaw, f'anness għar-rapport jew għall-opinjoni tagħhom, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u r-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li mingħandhom irċevew kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl u li r-rapporteurs inkludew fir-rapport jew fl-opinjoni tagħhom. Fl-istess ħin tal-modifika tal-Artikolu, il-Parlament adotta interpretazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet tal-input fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru; għar-rapporti fil-kuntest tal-immunitajiet, id-dikjarazzjoni tal-input ma tapplikax.

Minbarra d-dikjarazzjoni tal-assi, id-dikjarazzjonijiet kollha u r-reġistru tar-rigali uffiċjali huma direttament aċċessibbli fuq is-sit web pubbliku tal-Parlament.

L-obbligi kollha ta' divulgazzjoni msemmija hawn fuq jirriflettu l-impenn qawwi tal-Parlament Ewropew lejn it-trasparenza u l-etika. Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta jipprevedi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

2. IL-KUMITAT KONSULTATTIV DWAR IL-KONDOTTA TAL-MEMBRI

Skont l-Artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kumitat Konsultattiv huwa magħmul minn tmien Membri tal-Parlament Ewropew. Il-Kumitat jivvaluta l-allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta u jagħti parir lill-President dwar azzjoni possibbli li għandha tittieħed, mhux biss fuq talba tal-President iżda wkoll meta jiġi sinjalat direttament lilu. Il-Kumitat Konsultattiv jimmonitorja wkoll b'mod proattiv il-konformità tal-Membri mal-Kodiċi ta' Kondotta u mal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu u jindika lill-President kwalunkwe ksur possibbli.

2.1 Kompożizzjoni

Il-Kumitat Konsultattiv jinħatar mill-President, fil-bidu tal-mandat tiegħu jew tagħha, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-esperjenza tal-Membri u l-bilanċ politiku u l-bilanċ bejn il-ġeneri.

Mill-2025 it-tmien membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv huma:

- is-Sa Monika HOHLMEIER (PPE, il-Ġermanja);
- is-Sa Ana Catarina MENDES (S&D, il-Portugall);
- is-Sur Gerolf ANNEMANS (PfE, il-Belġju);
- is-Sa Chiara GEMMA (ECR, l-Italja);
- is-Sur Gilles BOYER (Renew, Franza);
- is-Sur Nicolae ȘTEFĂNUȚĂ (Ħodor/AĦE, ir-Rumanija);
- is-Sur Martin SCHIRDEWAN (Ix-Xellug, il-Ġermanja);
- Is-Sur Antonio LÓPEZ-ISTÚRIZ WHITE (PPE, Spanja).

Fil-bidu tal-mandat tiegħu jew tagħha, il-President jeħtieġlu wkoll jaħtar Membri ta' riżerva għall-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv. Il-Membru ta' riżerva maħtur mill-President għall-ewwel nofs tal-10 leġiżlatura huwa:

- Is-Sur Ivan DAVID (ESN, iċ-Ċekja).

2.2 President fil-kariga

F'konformità mal-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu, tal-Kodiċi ta' Kondotta, kull Membru permanenti tal-Kumitat Konsultattiv iservi bħala President għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni. L-Artikolu 4 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv jispeċifika wkoll li, fil-prinċipju, ir-rotazzjoni ssegwi s-saħħa numerika tal-gruppi politiċi rappreżentati fil-Kumitat Konsultattiv.

Fl-2025, is-Sa Monika HOHLMEIER (Jannar-Marzu 2025), is-Sa Ana Catarina MENDES (April-Settembru 2025) u s-Sa Chiara GEMMA (Ottubru-Diċembru 2025) servew bħala Presidenti. Il-mandat tas-Sa GEMMA bħala President jibqa' għaddej sal-aħħar ta' Marzu 2026.

2.3 Laqgħat fl-2025

Il-kalendarju tal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv għall-2025 ġie adottat fl-1 ta' Ottubru 2024 u l-Kumitat Konsultattiv sussegwentement iltaqa' f'10 okkażjonijiet, kif ġej:

Kalendarju tal-laqgħat fl-2025

- It-Tlieta 28 ta' Jannar
- It-Tlieta 18 ta' Marzu
- It-Tlieta 8 ta' April
- It-Tlieta 22 ta' April (Laqgħa Straordinarja)
- It-Tlieta 6 ta' Mejju (Laqgħa Straordinarja)
- It-Tlieta 8 ta' Lulju
- It-Tlieta 23 ta' Settembru
- It-Tlieta 14 ta' Ottubru
- It-Tlieta 11 ta' Novembru
- It-Tlieta 16 ta' Diċembru

2.4 Każijiet eżaminati u gwida pprovduta

2.4.1 Riferiment mill-President tal-allegat ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta

Meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li Membru seta' kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konsultattiv (l-Artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Kondotta). Il-Kumitat Konsultattiv imbagħad jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-allegat ksur u jista' jisma' lill-Membru kkonċernat. Il-Kumitat jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli. Meta jkun xieraq, il-Kumitat Konsultattiv jista' jinkludi rakkomandazzjoni ta' penali.

Fl-2025, il-President irrefera każ wieħed ta' allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta lill-Kumitat Konsultattiv. Każ ieħor, oriġinarjament imsemmi fl-aħħar tal-2024, ġie eżaminat u kkompletat mill-Kumitat Konsultattiv fl-2025.

- **Allegat ksur ta' wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-Membri u tal-obbligi ta' divulgazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati**

L-ewwel riferiment mill-President, eżaminat mill-Kumitat Konsultattiv fl-2025, kien jikkonċerna ksur possibbli tal-obbligu skont l-Artikolu 2(b) tal-Kodiċi ta' Kondotta biex tiġi evitata kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika tixħim, korruzzjoni jew influwenza indebita. Minbarra r-riferiment, il-Kumitat Konsultattiv irċieva diversi lmenti miċ-ċittadini dwar nuqqas ta' dettall u preċiżjoni fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati ppreżentata mill-Membru kkonċernat li jista' jfisser allegat ksur tal-Artikolu 4(2) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Kumitat Konsultattiv eżamina l-informazzjoni kollha disponibbli pubblikament u, wara li sema' lill-Membru kkonċernat, ikkonkluda li bl-informazzjoni disponibbli, ma seta' jiġi stabbilit l-ebda ksur tal-Artikolu 2(b). Madankollu, ġie stabbilit ksur tal-Artikolu 4(2) tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-dikjarazzjoni tal-interessi privati. Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv, il-President iddeċida li jimponi penali li tikkonsisti fit-telf tal-intitolament għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' jumejn fuq il-Membru f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Konsegwentement, il-Membru aġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi privati.

- **Allegat ksur tal-obbligi ta’ divulgazzjoni dwar stediniet għal avvenimenti organizzati minn partijiet terzi**

It-tieni riferiment eżaminat mill-Kumitat Konsultattiv fl-2025 kien jikkonċerna ksur possibbli tal-obbligi ta’ divulgazzjoni relatati mal-attendenza minn Membru f’avvenimenti organizzati minn parti terza. Il-parteċipazzjoni fl-avveniment ġiet identifikata wkoll permezz ta’ monitoraġġ tal-media qabel ir-riferiment mill-President.

Skont l-Artikolu 6(3) tal-Kodiċi ta’ Kondotta u l-Artikolu 10 tal-Miżuri ta’ Implimentazzjoni tiegħu, il-Membri jeħtiġilhom jiddikjaraw l-attendenza tagħhom, fil-qadi ta’ dmirijiethom, f’avvenimenti organizzati minn parti terza, fejn l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni jew tas-sussistenza jkunu tħallsu jew ġew rimborżati kompletament jew parzjalment minn parti terza. Il-Membru ma ppreżenta l-ebda dikjarazzjoni għal dak l-għan fi żmien l-iskadenza ta’ 60 jum imposta mir-regoli.

Il-Kumitat Konsultattiv ikkuntattja lill-Membru kkonċernat u talab kjarifika. Fit-tweġiba tiegħu, il-Membru ddikjara li l-ispejjeż kollha kienu koperti b’fondi personali u li l-parteċipazzjoni fl-avveniment ma kinitx fil-kapaċità tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew.

Matul l-eżaminazzjoni tiegħu, il-Kumitat Konsultattiv jibbaża esklużivament fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Membru, fuq l-iskambju bejn is-servizzi ta’ informazzjoni u s-sorsi disponibbli għall-pubbliku. Fuq dik il-bażi, il-Kumitat Konsultattiv ikkonkluda li ma seta’ jiġi stabbilit l-ebda ksur tal-obbligi ta’ divulgazzjoni stabbiliti fil-Kodiċi ta’ Kondotta f’dan il-każ.

2.4.2 Allegat ksur tal-Kodiċi ta’ Kondotta sinjalat direttament lill-Kumitat Konsultattiv

Skont l-Artikolu 10 tal-Kodiċi ta’ Kondotta, l-allegat ksur jista’ jiġi sinjalat direttament lill-Kumitat Konsultattiv, li jeħtieġlu jivvalutah u jagħti pariri lill-President dwar azzjonijiet possibbli li għandhom jittieħdu. Fl-2025, il-Kumitat Konsultattiv eżamina ħdax-il każ ta’ allegat ksur tal-Kodiċi ta’ Kondotta, kif spjegat hawn taħt.

Żewġ każijiet kienu relatati ma' allegati kunflitti ta' interess. L-ewwel każ kien jikkonċerna prinċipalment allegazzjoni ta' involviment f'attivitajiet ta' lobbjar imħallsa u kunflitt ta' interess b'rabta ma' attivitajiet esterni, filwaqt li t-tieni każ, li kien qed jiġi vvalutat fil-mument tal-kitba, kien fih diversi allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, kif ukoll il-ksur tad-dmirijiet ewlenin tal-Membri u obbligi oħra ta' divulgazzjoni (ara l-każijiet nru 1-2 hawn taħt). Sitt każijiet kienu relatati ma' allegat ksur tal-obbligi ta' divulgazzjoni b'rabta mad-dikjarazzjoni ta' interessi privati (ara l-każijiet nru 3-8). Żewġ każijiet oħra kienu jikkonċernaw allegat ksur tal-obbligi ta' divulgazzjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-laqgħat (ara l-każijiet nru 9-10). L-aħħar każ ta' sinjalar dirett kien jikkonċerna allegat ksur tal-obbligi ta' divulgazzjoni dwar l-attendenza f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi (ara l-każ nru 11). Is-sinjalar dirett f'dawn il-każijiet kien sar minn ċittadini privati, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, minn Membri tal-Parlament Ewropew u minn ġurnalisti.

- **Attivitajiet ta' lobbjar imħallsa u kunflitti ta' interess**

L-**ewwel każ** ta' sinjalar dirett ġie eżaminat mill-Kumitat Konsultattiv wara lment dwar l-attivitajiet esterni mwettqa minn Membru tal-Parlament Ewropew, b'allegat ksur tal-obbligu skont l-Artikolu 2(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta, u kunflitt ta' interess possibbli skont l-Artikolu 3.

B'mod partikolari, l-ilmentatur issinjala li l-attivitajiet sekondarji tal-Membru kkonċernat jistgħu ma jikkonformawx mar-regoli li jipprojbixxu l-involviment tal-Membri f'attivitajiet ta' lobbjar imħallsa marbuta direttament mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni. Il-Membru kien iddikjara kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati tiegħu l-attivitajiet sekondarji mħallsa inkwistjoni u r-remunerazzjoni riċevuta.

Il-Kodiċi ta' Kondotta ma jipprojbix lill-Membri milli jkollhom attivitajiet sekondarji remunerati jew mhux remunerati. Peress li l-mandat fil-Parlament Ewropew huwa ta' durata limitata, il-Membri ma jistgħux jintalbu jċedu l-attivitajiet professjonali jew attivitajiet sekondarji oħra tagħhom matul il-mandat. Madankollu, il-Kodiċi ta' Kondotta jistabbilixxi ċerti limiti għall-attivitajiet sekondarji tal-Membri (l-Artikolu 2) kif ukoll regoli dwar il-kunflitti ta' interess (l-Artikolu 3) u l-obbligi ta' divulgazzjoni (l-Artikolu 4).

Il-Kumitat Konsultattiv kellu l-kompitu li jivvaluta liema tip ta' attività tista' titqies bħala lobbjar imħallas ipprojbit skont il-Kodiċi ta' Kondotta, indipendentement mill-fatt li l-pożizzjoni hija debitament iddikjarata *bona fide* f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat Konsultattiv kellu skambju ta' informazzjoni mal-Membru.

Dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar attivitajiet ta' lobbjar imħallsa, il-Kumitat Konsultattiv ma setax jilħaq fteħim dwar valutazzjoni definittiva tas-sitwazzjoni. Kien hemm żewġ settijiet diverġenti ta' fehmiet dwar il-kwistjoni.

Minn naħa, ġie argumentat li l-bidla fl-Artikolu 2(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta kienet intenzjonata u ħolqot regola ġdida li għandha tiġi applikata. Il-Membru kien involut fil-korpi reġjonali tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' organizzazzjoni ta' interess, u ġie riċevut introjtu biex jikkumpensa għaż-żmien li ntuża f'dan l-involviment. L-għan tal-organizzazzjoni inkwistjoni kien li tinfluwenza wkoll il-leġiżlazzjoni tal-UE. L-attivitajiet reġjonali ma għandhomx jiġu eskluży mill-applikazzjoni tar-regola, peress li dawn jipprovdu lakuna li tippermetti l-involviment tal-Membri f'attivitajiet bi ħlas fil-livell sussidjarju, u b'hekk xorta jikkontribwixxu għal-lobbjar ġenerali.

Min-naħa l-oħra, ġie argumentat li r-regoli l-ġodda jeħtieġ li jiġu applikati b'mod restrittiv fid-dawl tal-libertà tal-Membri li jwettqu attivitajiet esterni. Il-kumpens li rċieva l-Membru kien pjuttost jikkostitwixxi rimborż tal-ispejjeż minflok. Ġie mistoqsi jekk l-attivitajiet reġjonali jistgħux jitqiesu bħala lobbjar direttament fil-livell tal-UE, peress li l-għan ewlieni huwa l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fil-livell reġjonali. Il-kunsiderazzjoni tal-attivitajiet fil-livell reġjonali bħala lobbjar imħallas marbut direttament mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE tiskoraġġixxi lill-Membri milli jinvolvu ruħhom f'assoċjazzjonijiet fil-livell reġjonali u lokali. Il-fatt li l-attivitajiet u r-remunerazzjoni ġew debitament iddikjarati wera wkoll livell għoli ta' trasparenza.

Fir-rigward tal-kunflitt ta' interess, il-Kumitat Konsultattiv ma qiesx li kien jeżisti kunflitt ta' interess ġenerali bħala tali fil-kuntest partikolari. Madankollu, jekk il-Membru kellu jiġi propost bħala rapporteur jew shadow rapporteur għal fajl li kellu jkollu rabta mal-attivitajiet sekondarji tal-Membru, ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess kellhom jiġu osservati bir-reqqa u l-Membru għandu jiddikjara kwalunkwe sitwazzjoni potenzjali fid-dikjarazzjonijiet tiegħu dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess. F'dan is-sens, il-Kumitat Konsultattiv ikkonkluda li l-

Membru għandu josserva bir-reqqa r-regoli u l-obbligi stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunflitti ta' interess kif minqux fl-Artikolu 3.

Fit-**tieni każ**, skont l-ilmentaturi, Membru li nħatar bħala rapporteur kien allegatament f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess u ma ssodisfax l-obbligu li jiddikjarah fid-dikjarazzjoni dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess ippreżentata qabel ma assuma dak ir-rwol ta' rapporteur. Barra minn hekk, l-ilmentaturi esprimew dubji dwar il-kompletezza tad-dikjarazzjoni tal-interessi privati tal-Membru u rreferew għal ksur possibbli tal-laqgħat u tal-obbligi ta' divulgazzjoni tal-input (l-Artikoli 7 u 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta) mill-istess Membru. Il-valutazzjoni ta' dan il-każ se tiġi ffinalizzata fl-2026.

- **Dikjarazzjoni tal-Interessi Privati**

It-**tielet każ** kien jikkonċerna l-monetizzazzjoni tal-attivitajiet tal-media soċjali minn Membru tal-Parlament Ewropew li ma kinitx riflessa fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati tal-Membru. Il-Kumitat Konsultattiv talab kjarifika mingħand il-Membru dwar għaliex dawn l-attivitajiet ma kinux inklużi fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati tagħhom. Il-Membru wieġeb bil-miktub li ma ġie ġġenerat l-ebda introjtu mill-kontenut tal-media soċjali marbut mal-attivitajiet parlamentari, iżda pjuttost mill-attività preċedenti tiegħu bħala influwenzatur. Il-Membru talab ukoll lill-Kumitat Konsultattiv għal gwida dwar kif wieħed jista' jikkonforma aħjar mal-obbligi ta' divulgazzjoni permezz tad-dikjarazzjoni tal-interessi privati.

Il-Kumitat Konsultattiv issuġġerixxa li l-Membru jaġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi privati tiegħu biex tinkludi l-attivitajiet kollha marbuta mal-media soċjali, inklużi l-isponsorizzazzjonijiet, jekk ir-remunerazzjoni totali taqbeż l-EUR 5 000 gross f'sena kalendarja, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Il-Kumitat Konsultattiv spjega li l-attivitajiet fuq il-kanali tal-media li huma proprjetà ta' partijiet terzi u fejn kwalunkwe introjtu li jirriżulta jmur biss għal dawk il-partijiet terzi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat Konsultattiv irrakkomanda bis-saħħa lill-Membru biex iżomm kwalunkwe monetizzazzjoni tal-kontenut marbut mal-ħidma parlamentari tiegħu diżattivata.

Fl-aħħar nett, jekk il-Membru kellu jiġi propost bħala rapporteur jew shadow rapporteur dwar fajls relatati mal-attivitajiet tal-kumpaniji rreklamati permezz tal-attività ta' influwenzatur, il-

Kumitat Konsultattiv irrakkomanda li jiddikjara s-sitwazzjoni fid-dikjarazzjoni rilevanti dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess. Wara li nnota li l-Membru aġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi privati kif irrakkomandat, il-Kumitat Konsultattiv iddeċieda li jikkunsidra l-każ magħluq.

Ir-**raba' każ** ġie skattat minn ilment riċevut mill-Kumitat Konsultattiv fl-2025 relatat ma' filmat promozzjonali ppubblikat minn Membru fuq il-media soċjali bl-objettiv li jippromwovi kumpanija. Il-Kumitat Konsultattiv ivvaluta jekk il-parteċipazzjoni tal-Membri f'reklam kummerċjali tistax titqies bħala kunflitt ta' interess u, għalhekk, bħala ksur tal-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta. Eżaminat ukoll jekk il-Membru rċeviex appoġġ finanzjarju jew kwalunkwe tip ieħor ta' appoġġ mill-kumpanija, peress li dan seta' potenzjalment irriżulta fi ksur tal-obbligi ta' divulgazzjoni tal-interessi privati tal-Membri f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat Konsultattiv bagħat talba bil-miktub għal kjarifika lill-Membru. Il-Membru pprovda tweġiba li tindika li ma wasal l-ebda appoġġ finanzjarju jew tip ieħor ta' appoġġ bi skambju għall-filmat promozzjonali ppubblikat fuq il-kanali tal-media soċjali. Meta titqies it-tweġiba li waslet mingħand il-Membru u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-każ, ma ġie stabbilit l-ebda ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-**ħames kawża** kienet tikkonċerna lment dwar is-sħubija ta' Membru tal-bord ta' partit politiku ta' pajjiż terz u l-parteċipazzjoni attiva tiegħu fl-attivitajiet ta' dan il-partit. Dawn l-attivitajiet allegatament ma ġewx iddikjarati fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati tal-Membru. L-ewwel mistoqsija eżaminata mill-Kumitat Konsultattiv f'dan il-każ kienet tikkonċerna l-kompatibbiltà mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-attivitajiet sekondarji ta' Membru f'partit politiku ta' pajjiż terz. Il-Kumitat Konsultattiv sab li ma hemm l-ebda limitazzjoni għal attivitajiet esterni bħal dawn fil-Kodiċi ta' Kondotta, u li l-Membri tal-Parlament Ewropew fil-kariga jistgħu jieħdu l-kariga, jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji u jipparteċipaw f'attivitajiet ta' partiti politiċi minn pajjiżi terzi. Fir-rigward tal-obbligi ta' divulgazzjoni, il-Kumitat Konsultattiv bagħat lill-Membru talba għal kjarifika dwar l-attivitajiet u s-sħubijiet attwali u tal-passat.

Il-Membru aġġorna b'mod spontanju d-dikjarazzjoni tal-interessi privati tiegħu u bagħat tweġiba bil-miktub għat-talba tal-kumitat għal kjarifika. Il-Kumitat Konsultattiv iddeċieda li ma seta' jiġi stabbilit l-ebda ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Is-**sitt każ** kien relatat ma' allegati diskrepanzi bejn l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-interessi privati ta' Membru u d-dikjarazzjoni nazzjonali ppreżentata kull sena fl-Istat Membru tagħhom. Il-Kumitat Konsultattiv innota li l-ambitu tad-dikjarazzjoni nazzjonali ma kienx simili, u kien usa' mid-dikjarazzjoni tal-interessi privati meħtieġa mill-Kodiċi ta' Kondotta. Wara analiżi inizjali tal-kontenut, il-Kumitat Konsultattiv bagħat talba għal kjarifika lill-Membru kkonċernat, fejn staqsa dwar in-natura u l-karatteristiċi tal-attivitajiet attwali u tal-passat.

Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv, il-Membru aġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi privati tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta.

Is-**seba' każ** kien jikkonċerna allegati diskrepanzi bejn l-informazzjoni li tinsab fir-rekords kontabilistiċi uffiċjali tal-kumpaniji fl-Istat Membru u d-dikjarazzjoni tal-interessi privati tal-Membru.

Filwaqt li l-Kumitat Konsultattiv ma għandu l-ebda mandat biex jivverifika jew jivvalida kwalunkwe rekord nazzjonali, dan iddeċieda li jibgħat ittra lill-Membru bir-rakkomandazzjoni li jivverifika l-obbligi ta' divulgazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-mandat tal-Membru ntemm ftit wara d-deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv. Għalhekk, il-każ ingħalaq minħabba t-tmiem tal-mandat.

It-**tmien każ** ġie vvalutat wara allegazzjonijiet ta' involviment possibbli ta' Membru f'attivitajiet ta' lobbjar imħallsa f'isem il-gvern ta' pajjiż terz u diversi allegati ksur oħra tal-obbligi ta' divulgazzjoni.

Il-Kumitat Konsultattiv eżamina l-kontenut u s-sorsi tal-ilment u l-attivitajiet iddikjarati mill-Membru, mingħajr ma sab l-ebda informazzjoni dwar l-allegati attivitajiet ta' lobbjar jew ta' ksur ieħor tal-obbligi ta' divulgazzjoni. Skont l-Artikolu 12 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv, il-Kumitat qies li l-ilment kien manifestament infondat u għalaq il-każ.

- **Pubblikazzjoni tal-laqgħat**

Id-**disa' każ** kien iffukat fuq allegat ksur minn mill-inqas żewġ Membri tal-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta, flimkien mal-Artikolu 5 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru

obbligatorju tat-trasparenza (FII). Il-każ kien jikkonċerna laqgħat li saru fil-bini tal-Parlament Ewropew ma' rappreżentant ta' grupp ta' interess mhux irreġistrat fir-Reġistru tat-Trasparenza.

Il-Kumitat Konsultattiv innota li l-FII jimponi obbligi fuq l-Istituzzjonijiet li huma firmatarji tal-FII, u mhux fuq Membri individwali. L-Artikolu 5 tal-FII jintroduċi l-prinċipju tal-kundizzjonalità. Dan ifisser li l-istituzzjonijiet firmatarji kollha jimpenjaw ruħhom li jagħmlu r-reġistrazzjoni fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE prekundizzjoni meħtieġa għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jixtiequ jkollhom ċerti interazzjonijiet mal-membri jew mal-persunal. Madankollu, kull istituzzjoni tista' tiddeċiedi liema attivitajiet jirrikjedu li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jiġu rreġistrati, u f'liema attivitajiet jistgħu jipparteċipaw ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess anke jekk ma jkunux irreġistrati. Il-Parlament Ewropew implimenta internament l-Artikolu 5 tal-FII permezz tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Ġunju 2023, li tirregola fid-dettall il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess f'avvenimenti li jsiru fil-bini tal-Parlament.

L-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta jipprevedi li "Il-Membri għandhom jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' interess li jkunu mdaħħla fir-reġistru tat-trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza". L-użu tat-terminu "għandhom" (should) jindika rakkomandazzjoni qawwija, li tikkuntrasta ma' artikoli oħra tal-Kodiċi ta' Kondotta fejn it-terminu "għandhom" (shall) jintuża biex jinħoloq obbligu vinkolanti.

Għalhekk, l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta ma jistax jinqara bħala li joħloq obbligu vinkolanti għall-Membri li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza, peress li dan jista' jmur kontra l-prinċipju tal-libertà tal-mandat. Il-Membri għandhom obbligu li jiddikjaraw il-laqgħat skedati relatati mal-ħidma parlamentari ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fl-ambitu tar-Reġistru tat-Trasparenza, irrispettivament minn jekk humiex irreġistrati jew le. L-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi ta' Kondotta ma jistabbilixxi l-ebda skadenza obbligatorja għall-pubblikazzjoni ta' laqgħa.

Meta jitqies il-qafas legali applikabbli, li skontu l-Membri ma jistgħux jiġu pprevenuti milli jiltaqgħu ma' organizzazzjonijiet jew individwi li mhumiex irreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza, il-Kumitat Konsultattiv ikkonkluda li ma seta' jiġi stabbilit l-ebda ksur tal-Artikolu 7(1).

L-**għaxar każ** kien jikkonċerna lment li jirreferi għan-nuqqas ta' preċiżjoni tal-obbligi ta' divulgazzjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-laqgħat minn Membru (l-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Kondotta). Matul l-eżaminazzjoni tiegħu, il-Kumitat Konsultattiv innota li l-Membru kien qiegħed jippubblika laqgħat u b'hekk jirrispetta l-obbligi ta' divulgazzjoni. Madankollu, il-Kumitat Konsultattiv bagħat ittra lill-Membru dwar id-dikjarazzjoni tal-laqgħat, u b'mod aktar speċifiku, dwar l-importanza li jiġi ċċarat liema fajls parlamentari ġew diskussi f'kull laqgħa, jekk applikabbli.

Konsegwentement, il-Membru emenda l-entrati ppubblikati qabel għal diversi laqgħat u segwa r-rakkomandazzjonijiet għal dawk il-laqgħat li saru wara li rċieva l-ittra.

- **Attendenza f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi**

Fil-**ħdax-il każ**, ġie sinjalat li Membru pparteċipa f'avveniment organizzat minn parti terza. Il-Kumitat Konsultattiv innota li ma ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni sal-iskadenza preskritta mill-Kodiċi ta' Kondotta, u ddeċieda li jikkuntattja lill-Membru biex jitlob kjarifika. Il-valutazzjoni ta' dan il-każ kienet għadha għaddejja fi tmiem l-2025 u se tiġi ffinalizzata fl-2026.

2.4.3 Każijiet identifikati permezz ta' monitoraġġ tal-konformità

Skont l-Artikolu 10(5), it-tielet subparagrafu, tal-Kodiċi ta' Kondotta u f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv, il-Kumitat Konsultattiv għandu l-kompitu li jimmonitorja b'mod proattiv il-konformità tal-Membri mal-Kodiċi ta' Kondotta u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu. Huwa jista' jindika lill-President kull ksur possibbli ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Skont l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv, is-segretarjat, f'isem il-Kumitat Konsultattiv, abbażi tal-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi u s-sorsi disponibbli għall-pubbliku, iwettaq kontrolli regolari dwar il-konformità tal-Membri mal-Kodiċi ta' Kondotta u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll kontrolli għal għarrieda, u jħejji, qabel kull laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv, lista ta' kwalunkwe każ li jista' jistħoqqlu aktar kunsiderazzjoni.

Il-Kumitat Konsultattiv talab lis-segretarjat biex jipprovdi ħarsa ġenerali sħiħa tal-allegazzjonijiet kollha li saru dwar il-Membri. Abbażi ta' dan, fl-2025, is-segretarjat ħejja lista ta' 28 każ li jew ġew identifikati permezz ta' monitoraġġ (13-il każ) jew inkella ġew ippreżentati minn partijiet terzi (15-il każ), li minnhom erba' każijiet kien jistħoqqilhom aktar kunsiderazzjoni mill-Kumitat Konsultattiv. Il-każijiet l-oħra jew kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, ma kinux għadhom rilevanti saż-żmien tal-eżami, jew kienu wkoll sinjalati direttament lill-Kumitat Konsultattiv.

L-erba' każijiet identifikati permezz tal-monitoraġġ u li sussegwentement ġew eżaminati mill-Kumitat Konsultattiv kienu jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-Membri f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi. Fl-erba' każijiet kollha, il-Membri ma kinux ippreżentaw dikjarazzjoni ta' attendenza fi żmien l-iskadenza ta' 60 jum stabbilita fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Fl-erba' każijiet kollha, il-Membri ġew ikkuntattjati mill-Kumitat Konsultattiv. Il-Membri kkonfermaw li ma kien wasal l-ebda appoġġ finanzjarju jew appoġġ ieħor b'rabta mal-parteċipazzjoni fl-avveniment rispettiv u li l-parteċipazzjoni kienet fil-kapaċità personali jew bħala rappreżentanti tal-partiti politiċi nazzjonali tagħhom, u mhux fil-kapaċità tagħhom bħala Membri tal-Parlament Ewropew.

F'żewġ okkażjonijiet, il-Kumitat Konsultattiv fakkar lill-Membri biex jiddikjaraw kwalunkwe laqgħa mar-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Kondotta, jekk applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom. Peress li l-Kumitat Konsultattiv jibbaża fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Membri u ma ġiet ippreżentata l-ebda informazzjoni kontradittorja minn sorsi disponibbli, huwa ddeċieda li ma kienet meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri.

2.4.4 Talba għal gwida mill-Membri dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta

Skont l-Artikolu 10(5) tal-Kodiċi ta' Kondotta, kwalunkwe Membru jista' jitlob gwida mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u huwa intitolat li jibbaża fuq din il-gwida. Il-Kumitat Konsultattiv jipprovdi gwida b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju. Fl-2025, il-Kumitat Konsultattiv irċieva żewġ talbiet għal gwida mill-Membri.

- **Gwida dwar kunflitt ta' interess possibbli li jirriżulta mill-fatt li wieħed ikun azzjonist minoritarju f'kumpanija**

L-ewwel talba kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta rigward id-dikjarazzjoni dwar l-għarfien ta' kunflitti ta' interess. Il-Membru talab gwida dwar l-obbligi ta' divulgazzjoni applikabbli qabel ma ġie nnominat bħala rapporteur għal fajl mhux leġiżlattiv b'kamp ta' applikazzjoni wiesa', filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet, is-sħubijiet u l-azjendi attwali ddikjarati fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' interessi privati. Il-Kumitat Konsultattiv irrakkomanda li l-Membru għandu jiddikjara fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar l-għarfien ta' kunflitti ta' interess li s-sitwazzjoni tista' twassal għal kunflitt ta' interess u għandu jiddeskrivi s-sitwazzjoni fit-taqsima tat-test liberu tal-formola f'konformità mal-Artikolu 3(5) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Membru segwa r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u ppreżenta d-dikjarazzjoni tiegħu dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess kif xieraq. Il-Kumitat kompetenti aktar tard segwa l-proċedura prevista fl-Artikolu 3(5) u ddeċieda li l-Membru seta' jkompli bl-attività tiegħu, minħabba li l-kunflitt ta' interess potenzjali ma waqqafx lill-Membru milli jeżerċita l-mandat tiegħu fl-interess pubbliku.

- **Gwida dwar kunflitti ta' interess u attivitajiet professjonali possibbli**

It-tieni talba kien fiha mistoqsijiet minn Membru dwar kunflitti ta' interess potenzjali fil-kuntest ta' attivitajiet attwali, sħubijiet, azjendi kif ukoll interessi privati oħra flimkien mal-eżerċizzju tal-kariga ta' Membru. Fil-gwida pprovduta, il-Kumitat Konsultattiv spjega li l-kunflitti ta' interess għandhom jiġu vvalutati filwaqt li titqies is-sitwazzjoni konkreta, fid-dawl tal-ħidma reali mwettqa bħala Membru tal-Parlament Ewropew fl-interess pubbliku.

Peress li ċ-ċirkostanzi ppreżentati dehru *prima facie* li mhumiex inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membru rċieva r-rakkomandazzjoni li jaġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi privati sabiex jiddeskrivi s-sitwazzjoni b'mod dettaljat u preċiż. Il-Membru ġie mfakkar ukoll biex jevalwa, fuq bażi ta' każ b'każ, kif għandu jimla d-

dikjarazzjonijiet dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess jekk il-Membru kellu jiġi propost fil-futur bħala rapporteur jew shadow rapporteur għal fajl relatat mal-interessi privati kkonċernati.

Barra minn hekk, matul is-sena, is-segretarjat kompla, wara l-prattika stabbilita sew tiegħu, iwieġeb għall-mistoqsijiet imressqa mill-Membri u l-assistenti parlamentari tagħhom dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li naqqas il-piż amministrattiv tagħhom, kemm jista' jkun. Il-pariri pprovduti fil-livell tas-segretarjat ġeneralment iservu bħala gwida preliminari. Il-membri ġew imfakkra li jistgħu jippreżentaw talba għal gwida formali dwar l-istess suġġett lill-Kumitat Konsultattiv.

3. ATTIVITAJIET MARBUTA MAL-KODIĊI TA' KONDOTTA

3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi Privati tal-Membri

Skont l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri jridu jippreżentaw Dikjarazzjoni dettaljata u preċiża tal-Interessi Privati sa tmiem l-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jew fi żmien 30 jum minn meta jibdew jokkupaw il-kariga tagħhom mal-Parlament matul leġiżlatura. Huma jeħtiġilhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom sa tmiem ix-xahar ta' wara dak li fih tkun seħħet kull bidla.

Fil-2025 ġew ippreżentati total ta' 193 dikjarazzjoni ta' interessi privati, li minnhom 6 dikjarazzjonijiet ġew ippreżentati wara l-bidu ta' mandat ġdid u 187 dikjarazzjoni kienu aġġornamenti. Meta mqabbel mal-istess perjodu tad-9 leġiżlatura, dan jirrappreżenta żieda sinifikanti fl-aġġornamenti għad-dikjarazzjoni tal-interessi privati.

3.2 Preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet oħra

- <u>Dikjarazzjoni dwar l-Għarfien ta' Kunflitti ta' Interess</u>

Il-Membri li jassumu ċerti karigi (Viċi President, Kwestur, President jew Viċi President ta' kumitat jew delegazzjoni) jew funzjonijiet (rapporteur jew shadow rapporteur jew parteċipant f'delegazzjoni uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali) jeħtiġilhom jiddikjaraw jekk humiex konxji jew le dwar kunflitt ta' interess fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-uffiċċju, tar-rapport, tal-opinjoni, tad-delegazzjoni jew tan-negozjati inkwistjoni. F'każ ta' għarfien ta' kunflitti ta' interess, il-Kodiċi ta' Kondotta jistabbilixxi proċedura speċifika.

Minn Jannar sa Diċembru 2025, saru 6 805 dikjarazzjonijiet, li juru livell għoli ta' konformità. Kif previst fir-rapport annwali preċedenti, meta l-kumitati bdew jaħdmu b'mod aktar intensiv fuq proposti leġiżlattivi, l-għadd ta' dawn id-dikjarazzjonijiet żdied b'mod sinifikanti.

- Dikjarazzjoni tal-Assi

Id-dikjarazzjoni tal-assi trid tiġi ppreżentata fil-bidu u fit-tmiem ta' kull mandat. Id-dikjarazzjoni tkopri assi (proprjetà immobbli, strumenti finanzjarji u kontijiet bankarji mhux tal-UE) u obbligazzjonijiet bħal self. Dawn id-dikjarazzjonijiet ma għandhomx jiġu ppubblikati u jiġu pprovduti biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest ta' proċedimenti legali.

Il-maġġoranza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi ġew ippreżentati matul is-sena preċedenti, minħabba l-bidu tal-mandat il-ġdid. Fl-2025, ġew ippreżentati 11-il dikjarazzjoni tal-assi kemm mill-Membri li temmew il-mandat tagħhom kif ukoll minn dawk ġodda.

- Dikjarazzjoni tal-Input

Din id-dikjarazzjoni hija anness ta' rapport jew opinjoni fil-livell tal-kumitat, li turi minn liema persuni jew organizzazzjonijiet (jekk hemm) ir-rapporteur ikun irċieva kontribut matul it-tħejjija tal-pożizzjoni tiegħu jew tagħha. Rapporti mingħajr dikjarazzjoni tal-input ma jistgħux jitressqu għall-plenarja. Ir-rapporti kollha tal-kumitat ivvotati fil-plenarja minn Jannar sa Diċembru 2025, ħlief dawk f'każijiet ta' immunità li għalihom ma tapplikax id-dikjarazzjoni tal-input, għalhekk ikkonformaw mar-rekwiżit.

- Rigali

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta, ma hemmx bżonn li jiġu ddikjarati rigali b'valur ta' inqas minn EUR 150. Mill-bidu tal-2025 sa tmiem is-sena, ġew iddikjarati u ppubblikati 44 rigal fir-reġistru tar-rigali.

- Dikjarazzjoni ta' attendenza għal avvenimenti organizzati minn partijiet terzi

Hija meħtieġa dikjarazzjoni ta' attendenza għal avvenimenti organizzati minn partijiet terzi meta l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni jew tas-sussistenza tal-Membri jkunu tħallsu jew ġew rimborżati kompletament jew parzjalment minn parti terza. Fl-2025, ġew ippreżentati 212-il dikjarazzjoni.

- Pubblikazzjoni tal-laqgħat

Il-Membri jeħtiġilhom jippubblikaw online il-laqgħat skedati kollha relatati mal-ħidma parlamentari ma' rappreżentanti ta' interess li jaqgħu fl-ambitu tar-Reġistru tat-Trasparenza jew ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom. Ġew iddikjarati total ta' 32 122 laqgħa għall-2025.

3.3 Sensibilizzazzjoni

L-Artikolu 10(7) tal-Kodiċi ta' Kondotta fih mandat speċifiku għall-Kumitat Konsultattiv biex iqajjem sensibilizzazzjoni fost il-Membri dwar il-Kodiċi ta' Kondotta u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu fuq bażi regolari. Ir-Regola 7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv tispeċifika wkoll li l-Kumitat Konsultattiv iqajjem sensibilizzazzjoni fost il-Membri dwar il-Kodiċi ta' Kondotta u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu fuq bażi regolari billi jwettaq kampanja ta' informazzjoni li għandha fl-għan tagħha l-Membri kollha dwar l-obbligi tagħhom mill-inqas darba fis-sena.

Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi li s-servizz kompetenti (Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri) irid jassisti lill-korpi responsabbli biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-Membri dwar dawn il-miżuri f'intervalli regolari matul il-leġiżlatura u jrid jipprovdi taħriġ imfassal apposta għall-Membri, li jkun disponibbli fuq talba fi kwalunkwe ħin matul il-leġiżlatura.

Biex tappoġġja lill-Membri fil-konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta, fl-2025, l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri organizzat erba' korsijiet ta' taħriġ individwali mfassla apposta fuq talba tal-Membri, sessjoni ta' informazzjoni għall-assistenti parlamentari u tliet korsijiet ta' taħriġ imfassla apposta għall-persunal tal-gruppi politiċi.

L-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri ħadet sehem ukoll fi 13-il sessjoni ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tajba tal-uffiċċju, organizzati mid-DĠ PERS għall-Membri, u sessjonijiet ta' taħriġ obbligatorji għall-assistenti parlamentari sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-kontenut tal-Kodiċi ta' Kondotta u r-rwol tal-Kumitat Konsultattiv.

Barra minn hekk, ġiet ipprovduta assistenza personali lill-Membri u lill-uffiċċji tagħhom matul is-sena, li għenhom jikkonformaw b'suċċess mad-diversi obbligi. Bħala medja, l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri tirċievi madwar 10-12-il talba għal assistenza għal kull jum ta' xogħol dwar kwistjonijiet relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta, bit-telefown jew bil-posta elettronika.


3.4 STATISTIKA

		2024 L-ewwel nofs	2024 It-tieni nofs *	2025 L-ewwel nofs	2025 It-tieni nofs
Dikjarazzjonijiet ta' Interessi Privati	**Membri Ġodda**	102	726	1	5
	Aġġornamenti	61	65	99	87
	Totali	163	791	100	93
Dikjarazzjonijiet ta' Attendenza f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi		64	76	109	103
Notifiki ta' Rigali		9	12	26	18
Dikjarazzjonijiet dwar l-Għarfien ta' Kunflitti ta' Interess		575	1 418	3 827	2 978
Dikjarazzjonijiet tal-Assi		13	726	2	9
Pubblikazzjoni tal-laqgħat		5 970	16 823	20 415	11 707
Każijiet ittrattati mill-Kumitat Konsultattiv	**Referenzi mill-President**	4	1	2	0
	Gwida	1	0	1	1
	Sinjalar dirett	1	3	3	8
	Monitoraġġ	0	2	1	3

*Bidu tal-10 leġiżlatura

3.5 GRAFFS TAL-ANALIŻI TAX-XEJRIET


Sors tad-data: statistika interna tal-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri




Il-linja l-ħadra turi d-dikjarazzjonijiet tal-interessi privati (DPI) fil-bidu tal-mandat [dikjarazzjonijiet imsemmija tal-interessi finanzjarji (DFI) sa Novembru 2023]. Il-membri l-ġodda kollha ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom fil-ħin.

Il-linja oranġjo tirrappreżenta l-għadd ta' dikjarazzjonijiet aġġornati. L-aġġornamenti għandhom isiru sa mhux aktar tard minn tmiem ix-xahar ta' wara bidla. Bejn Novembru u Diċembru 2023, wara r-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri kollha tas-seduta kellhom jippreżentaw dikjarazzjoni ġdida tal-interessi privati.


Meta mqabbel mal-istess perjodu wara l-elezzjonijiet tal-2019, hemm xejra 'l fuq sinifikanti fl-għadd ta' aġġornamenti tad-DPI fl-2024 u fl-2025.




Id-dikjarazzjonijiet dwar l-għarfien tal-kunflitti ta' interess ġew introdotti fil-Kodiċi ta' Kondotta rivedut f'Novembru 2023.




Ir-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet ta' attendenza f'avvenimenti ta' partijiet terzi essenzjalment ma nbidlux. Hemm xejra ċara 'l fuq fl-għadd ta' dikjarazzjonijiet matul is-snin.






F'Novembru 2023, ir-regoli dwar il-pubblikazzjoni tal-laqgħat ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi ġew estiżi biex ikopru l-membri kollha.



Id-data turi li s-sinjalar dirett sar is-sors ewlieni ta' każijiet ittrattati mill-Kumitat Konsultattiv. Dan juri sensibilizzazzjoni pubblika għolja dwar ir-regoli riveduti kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Parlament Ewropew.



Id-data turi li l-ammont ta' xogħol tal-Kumitat Konsultattiv żdied b'mod kostanti maż-żmien.

4. AMMINISTRAZZJONI

L-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza tipprovdi servizzi ta' segretarjat lill-Kumitat Konsultattiv u nħatret mis-Segretarju Ġenerali bħala s-servizz kompetenti skont l-Artikoli 7, 8, 9, 14 u 15 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Id-dettalji ta' kuntatt huma dawn li ġejjin:

Advisory.Committee@europarl.europa.eu

Parlament Ewropew

Segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri
60, Rue Wiertz
SPAAK 07B022
B-1047 Brussell